Prietka tal-Milied – 2014

Jieħdu sehem erbat itfal

B Dan huwa bulettin sħiħ tal-aħbarijiet. Nibdew b'aħbar li għadha kemm daħlitilna: Il-Vatikan ħareġ stqarrija li tgħid, li l-Mulej se jerġa' jiġi jitwieled fostna. Għadu ħadd ma jaf meta u f'liema pajjiż; iżda ninsabu ċerti li t-tarbija ta' Betlem ġejja fostna mill-ġdid.

A Imma tgħid nemmnuhom? Dawn tal-midja għandhom ħabta jesaġeraw. Min jaf din hix xi qlajja' tagħhom?

C Allura San Ġużepp u l-Madonna se jerġgħu jiġu rekbin fuq il-ħmara?

D U mur ... xi ħmara, ħmara! Issa jiġu bil-karozza. Imqar karrakka *second hand*.

B Tgħid x'nagħmlu jien u intom, jekk f'nofs ta' lejl jiġu mara u raġel iħabbtulna l-bieb u jitolbuna nagħtuhom kenn, għax il-mara tkun waslet biex twelled?

A Aħna żgur ma nisimgħuhomx iħabbtu, daqskemm norqdu fil-fond. U ommi tgħid li billejl żgur ma tiftaħ lil ħadd. Hawn tant serq.

C Mhux la kemm taqbad u ddaħħal f'darek lil min ma tafux.

D Min jaf ikunux <u>tassew</u> koppja miżżewġin! Forsi xi żewġ ħallelin gwappi.

A Xejn ma trid biex wara li ddaħħalhom f'darek issib ruħek f'xi basla. Min jaf tkunx xi *single mother* b'salt problemi.

C Aħna żgur ma niftħulhomx.

B Dak il-lejl inzertat kesħa aktar mis-soltu u bdiet traxxax ix-xita. Il-mara u r-raġel kellhom imorru jsibu kenn fis-subway ta' Bieb il-Bombi, u hemmhekk ... fil-kesħa u l-ħmieġ, il-mara welldet tarbija li fisqietha fil-ftit ħrieqi li kellha magħha. Bħala kumpanija kellhom biss kelb imġewwaħ li dejjem jiġġerra fit-triqat u żewġt iqtates imgerrxin ... u raġel xwejjaħ, li bħalhom kien dejjem jorqod fis-subway.

D Imbagħad fl-irħula kien hemm grupp ta' furnara, qed iqattgħu l-lejl jippreparaw il-ħobż għall-għada filgħodu.

A F'daqqa waħda jidħlulhom żewġ irġiel fil-ħanut tagħhom...

C Żewġt irġiel stranġieri, li qatt ma kienu rawhom qabel, u qalulhom:

D “Ġejna nħabbrulkom ferħ kbir. Fittxu morru fis-subway ta’ Bieb il-Bombi. Għandkom issibu tarbija tat-twelid imfisqija fi ftit ħrieqi. Morru adurawha għax din hija s-Salvatur tad-dinja. Tinkwetawx, il-furnata noħdulkom ħsiebha aħna!”

B Imma tgħid x’jagħmlu l-furnara? Jemmnuhom lil dawk iż-żewġ stranġiera? Jafdawlhom il-furnata kollha f’idejhom?

A U tgħid mhux hekk! U jekk jinsewhielna fil-forn u jaħarquhielna. Addio dak ix-xogħol kollu li nkunu ħadna.

C Jew jisirqulna kollox. Qatt m’għandek tafda ’l ħadd bl-addoċċ ... l-aktar l-istranġieri.

D U t-tajba hi li jekk ifettlilna mmorru sas-subway, hemm ċans li ma nsibu xejn.

B U l-mara u r-raġel u t-tarbija jibqgħu fis-subway waħidhom, mal-kelb u l-qtates u max-xwejjaħ ta’ bla dar. Is-Salvatur tad-dinja jerġa’ jsib ruħu fil-bard u l-ksieħ imwarrab minn kulħadd.

A Tafu x’qed ngħid? Imma li kieku fis-sema kellha terġa’ tidher kewkba kbira, kieku nemmnu żgur.

B Fil-fatt hekk ġara. Deher bħal dawl kbir u qawwi n-naħa ta’ Ta’ Qali.

D Forsi kienu d-dwal tal-Istadium Nazzjonali.

C Jew xi ajruplan kbir qed jaħseb biex jillandja.

B Le, le ... kien dawl misterjuż li qatt ħadd ma ra bħalu.

A Forsi xi U.F.O.? Dan l-aħħar spiss qed jerġgħu jarawhom.

B U nstama’ kant sabiħ ġej mis-smewwiet...!

D Kif tridna nindunaw il-kant mnejn ikun ġej? Illum il-mużika u l-kant ma jieqfu qatt.

C Il-karozzi dejjem għaddejjin bl-isterjo miftuħ b’kemm saħħa għandu.

B Ħadd m’għadu jemmen xejn. Ħadd m’għandu fiduċja f’ħadd. Kif qatt nistgħu nindunaw li t-tarbija ta’ Betlem reġgħet ġiet titwieled fostna ... jekk għajnejna nsew kif jaraw u widnejna nsew kif jisimgħu. U jekk forsi jkun hemm xi tliet għorrief li mill-istudju li jkunu għamlu jsibu li ġo subway, fil-gżira ta’ Malta twieled mill-ġdid l-Iben t’Alla ... dawn żgur mhux se jitilqu kollox biex jiġu jagħtuh id-deheb, l-inċens u l-mirra.

A Dażgur li le. Jekk ikunu professuri ta' xi università kbira, ikunu diġà mħabbtin biżżejjed bir-riċerka tagħhom.

C U bit-teżijiet tal-istudenti!

A U bis-seminars u l-konferenzi li jkollhom jattendu għalihom.

D U jekk ikunu rjus kbar ... Prim Ministri jew Presidenti, ikollhom il-piż kollu ta' pajjiżhom fuq spallejhom, u mhux se joqogħdu jagħtu kas xi jkun ġara f'daqsxejn ta' subway ġo tikka ta' gżira.

B Imma dik id-daqsxejn ta' tarbija ma baqgħetx waħidha, għax dak ix-xwejjaħ tas-subway mar jagħti l-aħbar lil nies fqajrin u mwarrbin bħalu. U dawn ġew bi ħġarhom ... b'uliedhom, bi żwieġhom, bin-nisa tagħhom ... b'familthom kollha. Ma kellhomx rigali x'jagħtu lit-tarbija. Imma tawha t-tbissima ġenwina tagħhom. Għax huma kellhom għajnejn li kienu għadhom jafu jaraw. U widnejn li kienu għadhom jafu jisimgħu. U emmnu.

C Il-Milied huwa qabel kollox il-festa tal-faqar u tas-sempliċità.

A F'dak l-ewwel Milied ta' Betlem ma kienx hemm siġar tal-Milied imżejnin.

B U lanqas *parties* bil-pudina u l-kejk tal-Milied.

D Ma kienx hemm kartolini u fliexken tax-xampanja.

C Lanqas pantomimi mimlija ċajt u kant u daħk.

A Kien hemm biss tarbija tterter ġo għar minsi, riħa ta' annimali u ftit ragħajja maħmuġin.

B F'dan il-faqar u s-sempliċità nkitbet l-akbar storja tad-dinja. Mill-bikja ta' dik it-tarbija ċkejkna twieldet l-isbaħ melodija li mliet l-irkejjen kollha tad-dinja. Mill-kesħa ta' dak l-għar tkebbset ħuġġieġa ta' mħabba.

C Il-Milied huwa l-festa tal-minsijin ... ta' dawk li fid-dalma tal-lejl jitgeddsu fuq l-għoljiet biex jirgħu l-ftit n-nagħaġ tagħhom.

D Ta' dawk li qatt ma jissemmew fil-gazzetti u fl-aħbarijiet.

A Ta' dawk li qatt ma jingħataw unuri u premjijiet.

B Li qatt ma jirbħu konkorsi.

C Dawn huma l-minsijin, li ngħaddu minn ħdejhom bla ma nħarsu lejn wiċċhom.

D Bla ma lanqas biss nintebħu bihom.

A Imma t-tarbija ta' Betlem, lil dawn tafhom sewwa. U ġiet apposta għalihom biex tfakkarhom li jekk ħuthom jinsewhom, hija ma tinsihom qatt.

B U f'dan il-lejl qaddis, aħna ġejna quddiemkom biex nagħtukom kelma ta' kuraġġ. Għax intom ukoll, ħafna drabi tisfaw minsija. Anki jekk intom nies importanti u magħrufa. Iva, xi drabi intom ukoll tkunu minsijin.

C Ilkoll qed iġġorru salib li ma jidhirx.

D Ilkoll ikollkom il-weġġħat tagħkom.

A Il-qtigħ il-qalb. It-tensjoni.

B Id-diżappunti.

C U dawk ta' madwarkom ma jintebħu b'xejn; għax intom tibqgħu titbissmu biex taħbu s-salib ta' fuq spallejkom u ma ddejqu bih lil ħadd.

D U l-uġigħ tagħkom tħossuh intom biss fl-għeluq ta' kamritkom.

B Għalhekk m'hemmx għalfejn tmorru tfittxu t-tarbija ta' Betlem fil-grotta jew fis-subways.

A M'hemmx għalfejn tħarsu lejn is-sema biex taraw tilmħux l-istilla tal-Milied ... jew xi UFO.

C Lanqas hemm għalfejn tħallu l-furnata waħidha biex tmorru tfittxu lit-tarbija.

D Għax din tinsab dejjem ħdejkom. Issa stess hawnhekk ... bilqiegħda maġenbkom.

B Kulma rridu, huma biss għajnejn li jafu jaraw tassew. U widnejn li jafu jisimgħu.

C Għax Ġużeppi u Marija jafu jiġi għal għarrieda jħabbtulna fuq il-bibien ta' qlubna.

A Ġużeppi jaf ikun liebes ta' żagħżugħ mifni bil-vizzju tad-droga.

D Marija taf tkun liebsa ta' *single mother* taħt l-età, li żbaljat jew li ġiet abbużata.

C Jafu jkunu libsin ta' refuġjati mifnija bil-għejja tal-vjaġġ.

B Tgħid jirnexxilna nagħrfuhom? Tgħid ikollna kuraġġ niftħulhom u nagħtuhom kenn? Din għandha tkun it-talba tagħna lkoll f'dan il-lejl qaddis.

FLIMKIEN: Mulej, iftħiln' għajnejna
Biex kull għajnuna nagħtu,
Lil dawk li qed isofru,
Lil dawk li qed ibatu.

U ngħinu lil dawk kollha
Li l-faqar qed jeqridhom,
U nkunu aħna r-ragħajja
Li nħallu n-nagħaġ waħidhom.

Ħa nkunu sensittivi
Lejn dawk għas-sliem għatxana;
Biex il-weġġħat ta' ħutna
Ikunu l-weġġħat tagħna.

Biex dak li seħħ ġo Betlem
Qatt aktar ma ninsew,
U b'hekk, kull jum tas-sena
Ikun Milied tassew

IL-MILIED IT-TAJJEB